# Proġetti u Restawr



Is-sena l-oħra immarkat fażi oħra fil-proġett tal-plančier il-ġdid tal-banda Santa Marija hekk kif matul il-programm mużikali annwali tad-9 t'Awwissu ġie espost għall-ewwel darba wieħed mill-panewijiet u b'hekk deher l-iżvilupp ta' dan il-proġett. Filwaqt li x-xogħol fuq il-panewijiet minn Raymond Bajada għadu għaddej, wieħed seta' jara l-iskultura l-ġdida.

Għall-ornamenti ġew użati injam tal-kawba u anke għall-ornamenti tad-drappeġġ li nħadem b'sengħa kbira li kolha jidħlu perfettament flimkien.







Mario Mangion jaħdem numru ta' skultura ġdida fl-injam.

## Ir-restawr tal-istatwi ta' barra

Bħala parti mill-proċess li s-Soċjetà qiegħda tieħu biex tikkonserva l-patrimonju tal-armar huwa li nbeda restawr ta' statwi tal-kartapesta. Ix-xogħol ġie afdat f'idejn Andrew Bugeja, isem rinomat għal restawr serju fuq diversi statwi.





Restawr fuq l-istatwi antiki ta' Sant'Anna u San Ġwakkin li kienu nħadmu fi snin tletin mill-istatwarju Qormi Karmenu Mallia magħruf bħala l-'Lhudi', kien jikkonsisti billi tinbarax iż-żebgħa li kienet saret snin ilu u jinstabu l-kuluri oriġinali taħt li kienu saru maż-żmien, kif ukoll it-tneħħija tal-fibreglass li kien ġie applikat snin ilu u li għamel ħsara. Wara ġew applikati l-kuluri oriġinali kif kien hemm taħt bħalma kienu meta saru oriġinarjament mill-istatwarju biex jitreġġa' lura l-istat oriġinali tagħhom.

Bħala saħħa strutturali minn ġewwa kienet tajba ħafna minkejja sż-żmien.

Parti mill-proċess, saru toqob sabiex l-umdità li tinqabad ġewwa ikkawżata mis-sħana tkun tista' toħroġ bil-lejl u l-ġibs ma jaqsamx.

Huwa maħsub li jitkompla l-proġett billi l-istatwi kollha jiġu rrestawrati b'dan il-mod u jerġgħu jiġu lura lejn l-istat oriġinali li kienu.

## Il-proġett ta' bini ta' mħażen ġodda biswit is-Sala Ġawhra

Matul din is-sena tkompla x-xogħol fuq il-proġett tal-









kumpless tal-imħażen il-ġodda biswit is-Sala Ġawhra minn Feliċ Zerafa. Dan il-proġett tkompla matul din is-sena fejn wara li ssaqqaf l-ewwel basement tkompla l-bini tat-tieni basement minn Feliċ Zerafa mgħejjun minn Anġlu Ellul u William Buhagiar. Dan il-proġett matul din is-sena ngħata spinta qawwija u mistenni li t-tieni basement ikun imsaqqaf ukoll fi ftit xhur oħra.

## Il-pittura l-ġdida



L-artist magħruf ta' pittura realistika Andrew Micallef jidher ipitter il-pittura l-ġdida li se titqiegħed f'waħda mis-swali tal-każin. Din il-pittura se tkun mogħtija ġentilment b'donazzjoni lis-Soċjetà minn Mikiel u Nikolina Farrugia.

## Ir-restawr tal-għamara antika

Matul din is-sena Martin Briffa rrestawra biċċa għamara antika Maltija u reġa' taha l-ħajja mill-ġdid permezz tal-lostru bit-tajjara. Din l-għamara issa se titpoġġa f'waħda mis-swali tal-każin.



## Ir-restawr tal-armar



Tkompla r-restawr tal-armar minn membri tas-Soċjetà fl-imħażen ta' wara l-knisja minn Miguel Caruana mgħejjun minn Saviour Tabone u membri oħra. Ludwig Camilleri ħadem fil-fibre u rfina aktar skultura.

L-armar qed jiġi rħamat minn Natalino Xuereb minn Ħal Qormi.

## Il-basement tal-każin

Matul din is-sena tkompla x-xogħol fuq il-basement tal-każin li nistgħu ngħidu ġie trasformat f'sala oħra tassew moderna, spazjuża u ta' potenzjal kbir għall-attivitajiet futuri tas-Socjetà. Ix-xogħol finali kien jikkonsisti minn xkatlar tas-suffett u l-ħitan tal-basement. Rosmar Farrugia, Michael Farrugia, Mario Darmanin u Tony Farrugia huma l-persuni li b'dedikazzjoni ħadmu ġewwa l-basement. Finalment ġie miżbugħ minn Nathan Bugeja, Marlon u Anthony Aquilina.



## Id-drappijiet ġodda tal-festa

Is-sena l-oħra rajna s-sett ta' bandalori tal-pjazza tal-knisja jitlesta grazzi għall-benefatturi li kkontribwew. Matul is-sena l-oħra wkoll beda x-xogħol fuq il-

bandalori l-ġodda ta' Triq il-Parroċċa u din is-sena qed jitkompla x-xogħol tal-ħjata minn Abigail Micallef filwaqt li l-isfumar qed isir minn Redrian Micallef.

### Id-dawl ġdid mal-Knisja Parrokkjali

Matul din is-sena saru settijiet ġodda ta' strixxi bid-dwal għal mal-faċċata u l-kampnari tal-knisja parrokkjali minn Salvu Magro. Dan wara li dawk li kien hemm kienu ġew abbandunati. Martin Formosa ddisinja mill-ġdid u żebagħ l-arma tax-xettru fl-injam li għandha teħel mal-frontispizju tal-knisja parrokkjali biex tinxtegħel fil-jiem tal-festa titulari.









